MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2010

Appell Kriminali Numru. 22/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

***omissis***
**Johann Zammit**

**Il-Qorti**:

**1.** Dan hu appell, interpost minn Johann Zammit, minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-19 ta' Jannar 2010 permezz ta' liema l-istess Zammit gie kkundannat seba' xhur prigunerija. L-appell hu limitat ghall-piena, u gie trattat fl-udjenza tal-bierah wara nofs in-nhar.

**2.** L-imsemmi Johann Zammit (bin Mario u Miriam nee Gerada, imwieled fis-7 ta' Gunju 1975, detentur tal-karta ta' l-identita` nru 313475M) tressaq b'att ta' citazzjoni, li ggib id-data 30 ta' April 2001, akkuzat flimkien ma' persuna ohra (din il-persuna l-ohra mietet fil-mori tal-

kawza in prim istanza) talli fis-17 ta’ Ottubru 2000[1] (**1**) arresta, zamm jew issekwestra lil Pierre Cutajar kontra l-volonta` tieghu bi ksur tal-Artikolu 86 tal-Kodici Kriminali, (**2**) ikkaguna offizi ta’ natura hafifa fuq il-persuna tal-imsemmi Cutajar, (**3**) seraq mazz cwievet a dannu tal-istess Pierre Cutajar, (**4**) ittanta jisraq oggetti ohra a dannu ta’ dana Cutajar, (**5**) ghamel hsara volontarja fi proprjeta` ta’ Pierre Cutajar liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin lira izda anqas minn hames mitt lira, u (**6**) li huwa recidiv fit-termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9.

**3.** Kif osservat korrettement l-ewwel qorti fis-sentenza taghha, dak li gara f’dan il-kaz kien li fis-17 ta’ Ottubru 2000, waqt li Pierre Cutajar kien ghaddej idur bil-van ibiegh il-haxix fl-inhawi ta’ H’Attard ghall-habta tal-ghaxra ta’ filghodu, huwa gie “imblukkat” minn vettura misjuqa mill-persuna l-ohra, u dawn it-tnejn (cioe` l-persuna l-ohra u l-appellant odjern) hargu mill-vettura li kienu fiha biex jagredixxu lil dan Cutajar. Effettivament kienet il-persuna l-ohra li fizikament aggrediet lil Cutajar; l-appellant, invece, mar fetah il-bieba tal-van min-naha tal-passiggier u kif ra l-*cash register* qabadha u sabbatha mal-art b’mod li kissirha.

**4.** L-ewwel qorti, ghalhekk, illiberat lill-appellant odjern mill-ewwel erba’ imputazzjonijiet – huwa evidenti li ta’ dawn kellha proprjament tirrispondi l-persuna l-ohra – izda sabitu hati tal-imputazzjoni ta’ hsara volontarja u tal-imputazzjoni tar-recidiva (jigi osservat li in vista’ tas-sentenza tad-19 ta’ Novembru 1998, ezibita a fol. 43, l-appellant kien recidiv mhux biss skond l-Artikolu 49 izda anke skond l-Artikolu 50 tal-Kodici Kriminali). L-ewwel Qorti kkundannat lill-imsemmi Johann Zammit seba’ (7) xhur prigunerija.

**5.** Kif inghad, l-appell hu limitat ghall-piena. L-appellant bazikament jikkontendi li r-reat ta’ hsara volontarja ma

---

[1] Id-data fic-citazzjoni – ghall-anqas fil-kopja li hemm fl-atti – taghti s-sena bhala 2001, data tal-akkadut li evidentement hija zbaljata peress li c-citazzjoni giet registrata fit-30 ta’ April 2001 u l-ewwel udjenza (li fiha ma seta jsir xejn peress li l-akkuzat, ghalkemm debitament ingunt, ma deherx) inzammet fit-12 ta’ Gunju 2001. Id-data ossia sena korretta tirrizulta, pero`, mill-provi, u dwarha ma hemmx kontestazzjoni.

jimmeritax piena karcerarja; jilmenta wkoll mill-fatt li r-reat jirrisali ghal disa’ snin ilu.

**6.** Din il-Qorti ma tistax takkolji dana l-appell – anzi pjuttost tqis li l-ewwel qorti kienet manjanima wisq ma’ l-appellant. Jibda biex jinghad li huwa assolutament intollerabbli li xi hadd li jkun ghaddej ghall-affari tieghu jigi aggredit, fizikament jew xort’ohra, u jkollu l-proprjeta` tieghu mkissra semplicement ghax zewg malviventi, li m’ghandhomx x’jaghmlu hlief joqghdu jiggerrew bil-karozza, jiddeciedu li jiehdu sodisfazzjon b’idejhom ghax ftit tal-hin qabel huma kienu ser jahbtu mal-van misjuqa mill-imsemmi Cutajar. Imgieba bhal din – anke li kieku l-appellant ma kellux fedina penali bi hdax-il kundanna ohra – timmerita piena karcerarja b’effett immedjat. Fil-kazijiet ta’ vjolenza, specjalment vjolenza fizika, anke meta diretta fuq oggetti flok fuq persuni, il-qrati m’ghandhomx joqghodu jittitubaw dwar il-piena. Is-sigurta` tac-cittadin u tal-proprjeta` tieghu titlob hekk. Fit-tieni lok, ir-reat li tieghu l-appellant instab hati (cioe` hsara volontarja li teccedi l-hamsin lira izda mhux il-hames mitt lira) igib mieghu piena ta’ prigunerija minn hames xhur sa sena, li, biz-zieda ta’ grad minhabba r-recidiva skond l-Artikolu 50, titla’ ghal minimu ta’ seba’ xhur u massimu ta’ tmintax-il xahar. Effettivament jigi li l-ewwel qorti tat il-piena fil-minimu taghha.

**7.** Kwantu ghat-trapass taz-zmien, anqas ma jinghad ikun ahjar ghall-appellant – il-parti l-kbira tad-dewmien f’din il-kawza kien ikkagunat proprju mill-fatt li ghal kull darba li l-appellant deher kien jonqos li jidher f’sitt okkazzjonijiet ohra! Bizzejjed jinghad li l-prosekuzzjoni ghalqet il-kaz taghha fl-4 ta’ Gunju 2002 u r-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali jgib id-data tal-4 ta’ Lulju 2002.

**8.** Ghall-motivi premessi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------